



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Mejju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0196(COD)

6674/21
ADD 3

FSTR 21
REGIO 36
FC 9
SOC 122
PECHE 75
CADREFIN 122
JAI 237
SAN 119
CODEC 295

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi

– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)¹. Il-proposta oriġinali tar-RDK stipulat dispożizzjonijiet komuni għal seba' fondi b'għestjoni kondiviża: il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi u l-Fond għas-Sigurtà Interna. Fl-14 ta' Jannar 2020, flimkien mal-proposta għall-istabbiliment tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Kummissjoni pproponiet diversi emendi għar-RDK² sabiex jinkorpora l-JTF bħala fond ġdid skont ir-regoli umbrella tar-RDK. Fit-28 ta' Mejju 2020, wara t-tifqigħa tal-COVID-19, u bħala parti mill-QFP 2021-27 rivedut u mill-Pakkett għall-Irkupru, il-Kummissjoni pproponiet diversi emendi għall-Pakkett leġiżlattiv tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027, inkluż emendi addizzjonali għar-RDK³.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta inizjali tar-RDK fis-17 ta' Ottubru 2018⁴ u dwar il-proposti emendati fl-10 ta' Ġunju 2020⁵ u fit-18 ta' Settembru 2020⁶.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta inizjali tar-RDK fil-5 ta' Diċembru 2018⁷ u dwar il-proposti emendati fl-14 ta' Ottubru 2020⁸.
4. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri adottat l-opinjoni tagħha dwar ir-RDK fil-31 ta' Ottubru 2018⁹.

¹ Dok. 9511/18 + ADD 1.

² Dok. 5259/20 + ADD 1.

³ Dok. 8399/20 + ADD 1.

⁴ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 83.

⁵ ĠU C 311, 18.9.2020, p. 55.

⁶ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 236.

⁷ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 41.

⁸ ĠU C 440, 18.12.2020, p. 191.

⁹ ĠU C 17, 14.1.2019, p. 1.

5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-RDK fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu fis-27 ta' Marzu 2019.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali eżamina r-RDK propost f'għadd ta' laqgħat taħt il-Presidenza Bulgara, Awstrijaka, Rumena, Finlandiża, Kroata, Ġermaniża u dik Portugiża.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva diversi mandati ta' negozjar parzjali dwar partijiet differenti (blokok tar-RDK) tar-Regolament minn Diċembru 2018 sa Mejju 2019¹⁰. Fit-22 ta' Lulju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva mandat parzjali ieħor għal negozjati mal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-proposti emendati tal-Kummissjoni għar-RDK¹¹. Barra minn hekk, fil-5 ta' Ottubru 2020, il-mandat parzjali għan-negozjati ġie aġġornat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jittieħed kont tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-27 u l-Pakkett għall-Irkupru adottat fil-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew tas-17, it-18, id-19, l-20 u l-21 ta' Lulju 2020¹².
8. Abbażi ta' dawk il-mandati, il-Presidenza Rumena, Finlandiża, Kroata, Ġermaniża u dik Portugiża wettqu negozjati interistituzzjonali li ġew konklużi fi Frar 2021.
9. Fis-16 ta' Marzu 2021, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) tal-Parlament Ewropew approva l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali. Fit-18 ta' Marzu 2021, il-President tal-Kumitat REGI indirizza ittra lill-Presidenza tal-Kunsill fejn indika li jirrakkomanda lill-Plenarja biex il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġetta għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.
10. B'kont meħud tal-qbil imsemmi hawn fuq u wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fi [xxxx 2021], f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 TFUE.

¹⁰ Dok. 11149/19 (verżjoni konsolidata tal-mandati parzjali tar-RDK).

¹¹ Dok. 9428/20.

¹² Dok. 10879/20.

II. OBJETTIV (Artikoli 1 sa 9)

11. F'konformità mal-Artikoli 174, 175, 177 u 322 TFUE fost l-oħrajn, ir-RDK huwa r-Regolament umbrella għal sett ta' fondi b'ġestjoni kondiviża li għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Istati Membri biex isaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħhom, billi jnaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni jew gżejjer li huma inqas favoriti. Dispożizzjonijiet komuni bbażati fuq l-Artikolu 177 TFUE huma stabbiliti biex ikopru regoli speċifiċi tal-politika għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni, għall-JTF u għall-FEMSA.
12. Barra minn hekk, sabiex tiġi żviluppata aktar implimentazzjoni koordinata u armonizzata tal-Fondi tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni kondiviża, ir-regoli finanzjarji bbażati fuq l-Artikolu 322 TFUE huma stabbiliti għall-Fondi kollha koperti mir-RDK, bil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tispeċifika b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti.
13. Ir-RDK ser jappoġġa l-oġettivi ta' politika li ġejjin:
 - (a) Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti bis-saħħa tal-promozzjoni ta' trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti u konnettività tal-ICT regionali;
 - (b) Ewropa aktar ekoloġika, reżiljenti, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fi tranżizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet tal-karbonju żero netti billi jiġu promossi t-tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta, l-investment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji u mobilità urbana sostenibbli;
 - (c) Ewropa aktar konnessa billi tittejjeb il-mobilità;
 - (d) Ewropa aktar soċjali u inklużiva li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;
 - (e) Ewropa eqreb taċ-ċittadini bis-saħħa tat-trawwim ta' żvilupp sostenibbli u integrat ta' kull tip ta' territorju u inizjattivi lokali.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

(a) Approċċ strateġiku u programmazzjoni (Artikoli 7 sa 37)

14. Il-Ftehim ta' Sħubija, imħejji minn kull Stat Membru, ser ikun dokument konċiż u strateġiku li jiggwida n-negozjati bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat dwar it-tfassil tal-programmi taħt il-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF u l-FEMSA.
15. L-Istati Membri fil-livell territorjali adatt, f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom u l-korpi maħtura minnhom għal dawn il-finijiet, ser ikunu responsabbli għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi. Huma ser iqisu wkoll il-prinċipju tas-sħubija matul l-implimentazzjoni.
16. Il-prinċipji orizzontali ġew imsaħħa bil-għan li, fost l-oħrajn, jiżguraw is-sostenibbiltà tal-finanzjament, jappoġġaw il-miri klimatiċi u ambjentali tal-UE, jintegraw il-prinċipji ta' "la tagħmilx ħsara" u "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" kif ukoll isaħħu r-rabta mal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima. Il-programmi ser jindikaw il-mira tal-kontribuzzjoni klimatika għal kull Stat Membru bħala perċentwal tal-allokazzjoni totali tiegħu għall-FEŻR u għall-Fond ta' Koeżjoni.
17. Sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet tagħhom ta' ġestjoni kondiviża, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tippermetti li ċerti livelli ta' finanzjament jiġu ttrasferiti bejn il-Fondi u bejn il-ġestjoni kondiviża u l-istrumenti ġestiti direttament u indirettament. Barra minn hekk, kull Stat Membru ser ikollu wkoll il-flessibbiltà li jikkontribwixxi għall-Programm InvestEU, taħt ċerti kundizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament.
18. Sabiex jiġu żgurati l-prerekwiżiti meħtieġa għall-użu effettiv u effiċjenti tal-appoġġ tal-Unjoni mogħti mill-Fondi, ser jiġu stabbiliti u speċifikati b'mod ċar fid-dispożizzjonijiet rilevanti kemm fl-Artikoli u fl-Annessi tar-Regolament, lista limitata ta' kundizzjonijiet abilitanti kif ukoll sett konċiż u eżawrjenti ta' kriterji oġġettivi għall-valutazzjoni tagħhom.

19. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tkompli approċċ simili għall-mekkaniżmi eżistenti li jorbtu l-politika ta' finanzjament tal-Unjoni mal-governanza ekonomika tal-Unjoni matul il-perijodu 2014-2020, u tippermetti lill-Kummissjoni, għall-perijodu 2021-2027, biex tagħmel proposta lill-Kunsill biex tissospendi l-impenji kollha jew parti minnhom għal wieħed mill-programmi jew aktar tal-Istat Membru kkonċernat meta dak l-Istat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess tal-governanza ekonomika. Il-programmi FSE+ u Interreg ser jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-mekkaniżmi.
20. Sabiex tissaħħaħ aktar ir-rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u s-Semestru Ewropew, għall-ewwel darba l-Istati Membri ser iwettqu rieżami ta' nofs it-terminu fl-2024 ta' kull programm appoġġat mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-JTF. L-intenzjoni tar-rieżami hija li ttipprovdi aġġustament sħiħ tal-programmi bbażat fuq il-prestazzjoni tal-programm. Għall-programmi taħt il-mira tal-Investment għall-impjegi u t-tkabbir, ser jinżamm ammont li jikkorrispondi għal 50 % tal-kontribuzzjoni għas-snin 2026 u 2027 ("ammont ta' flessibilità") għal kull programm f'kull Stat Membru u dan ser jiġi allokat biss definittivament għall-programm wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni b'segwitu għar-rieżami ta' nofs it-terminu.
21. Il-koleġiżlaturi ddeċidew ukoll li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri temporanji biex tiffaċilita l-użu tal-Fondi b'reazzjoni għal ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu. Il-Kummissjoni ser ikollha l-qafas leġiżlattiv meħtieġ biex tadotta l-miżuri li huma l-aktar xierqa fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, filwaqt li tippreserva l-oġettivi tal-Fondi.
22. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tippermetti l-implimentazzjoni ta' assistenza teknika marbuta mal-implimentazzjoni tal-programm fuq l-inizjattiva tal-Istat Membru permezz ta' rata fissa bbażata fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-programm. Madankollu, fejn hija ppreferuta l-kontinwità mal-perijodu 2014-2020, il-pożizzjoni tal-Kunsill ttipprovdi l-possibbiltà lill-Istat Membru li jkompli jirċievi rimborż tal-kostijiet eliġibbli li fil-fatt tħallsu mill-benefiċjarju u tħallsu f'operazzjonijiet ta' implimentazzjoni għall-assistenza teknika.

(b) Monitoraġġ, evalwazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà (Artikoli 38 sa 50)

23. Sabiex jeżaminaw il-prestazzjoni tal-programmi, l-Istati Membri ser iwaqqfu kumitati ta' monitoraġġ, li ser jinkludu rappreżentanti ta' sħab rilevanti fil-kompożizzjoni tagħhom. Għall-FEŻR, għall-FSE+ u għall-Fond ta' Koeżjoni, ir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali ser jiġu sostitwiti b'rieżamijiet tal-prestazzjoni annwali ibbażati fuq l-aħħar informazzjoni u data dwar l-implimentazzjoni tal-programmi li jkunu saru disponibbli mill-Istat Membru.
24. L-awtoritajiet, il-benefiċjarji u l-partijiet ikkonċernati tal-programmi fl-Istati Membri ser jibqgħu responsabbli li jqajmu kuxjenza dwar il-kisbiet tal-finanzjament tal-Unjoni u jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali skont dan. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tqis l-attivitajiet ta' trasparenza, komunikazzjoni u viżibbiltà bħala elementi essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fuq il-post.

(c) Appoġġ finanzjarju mill-Fondi (Artikoli 51 sa 68)

25. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-użu tal-Fondi u għattnaqqis tar-riskju ta' żball. Għal dan il-għan, huma definiti kemm il-forom ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Istati Membri kif ukoll il-forom ta' appoġġ ipprovduti mill-Istati Membri lill-benefiċjarji. L-awtoritajiet ta' ġestjoni ser ikunu jistgħu jipprovdu għotjiet permezz ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet. Rigward l-għotjiet lill-benefiċjarji, l-Istati Membri huma mistennija jagħmlu dejjem aktar użu mill-għażliet tal-kostijiet issimplifikati.
26. Sabiex ikun hemm ċarezza ġuridika, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tispeċifika l-perijodu ta' eliġibbiltà għan-nefqa jew il-kostijiet marbuta mal-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi taħt dan ir-Regolament u jillimita l-appoġġ għal operazzjonijiet kompluti.

(d) Ġestjoni u kontroll (Artikoli 69 sa 85)

27. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri, fuq inizjattiva tagħhom stess, li jidentifikaw korp ta' koordinazzjoni biex ikun f'kollegament mal-Kummissjoni u jipprovdiha l-informazzjoni u jikkoordina l-attivitajiet tal-awtoritajiet tal-programm f'dak l-Istat Membru.
28. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiżgura wkoll bilanċ xieraq bejn l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Fondi u l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi relatati, permezz ta' frekwenza, ambitu u kopertura aktar preċiżi tal-verifiki tal-ġestjoni u l-awditi. F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tal-Kunsill tiggarantixxi li l-verifiki tal-ġestjoni ser ikunu proporzjonati mar-riskji vvalutati qabel u li l-awditi ser ikunu proporzjonati mal-livell ta' riskju għall-baġit tal-Unjoni.

(e) Ġestjoni finanzjarja u qafas finanzjarju (Artikoli 86 sa 112)

29. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tippreżenta sett ta' miżuri proporzjonati li għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni għas-salvagwardja tal-interessi finanzjarji u l-baġit tal-Unjoni.
30. Sabiex jiġu promossi l-oġettivi tat-TFUE relatati mal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir ser tappoġġa r-reġjuni kollha, billi talloka riżorsi taħt dik il-mira mill-FEŻR u l-FSE+ abbażi ta' koeffiċjent tal-allokazzjoni li huwa bbażat b'mod predominanti fuq il-prodott domestiku gross ("PDG") per capita. L-Istati Membri li d-dħul nazzjonali gross (DNG) per capita tagħhom huwa inqas minn 90 % ta' dak tal-medja tal-Unjoni ser jibbenefikaw ukoll mill-Fond ta' Koeżjoni taħt dik l-istess mira.
31. Ir-riżorsi għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) ser jiġu allokatil lill-Istati Membri abbażi ta' metodoloġija ta' allokazzjoni speċifika li tqis b'mod partikolari d-densità tal-popolazzjoni fiż-żoni fuq il-fruntiera.
32. Il-Kummissjoni ser tistipula t-tqassim annwali tal-allokazzjonijiet disponibbli għal kull Stat Membru għall-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF taħt il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir, flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli, kif ukoll l-allokazzjonijiet għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

33. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tistabbilixxi wkoll rati massimi ta' kofinanzjament fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni skont il-kategorija tar-reġjun, fejn applikabbli, sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' kofinanzjament jiġi rispettatt permezz ta' livell xieraq ta' appoġġ nazzjonali pubbliku jew privat.

(f) Dispożizzjonijiet oħra (Artikoli 112 sa 119)

34. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni gradwali bejn il-perijodi 2014-2020 u 2021-2027.

IV. KONKLUŻJONI

35. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
36. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjonijiet tiegħu fl-ewwel qari tikkostitwixxi test ibbilanċjat li jissodisfa l-oġġettivi kollha tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.
-